# QORTI TA' L-APPELL

**IMHALLFIN**

**S.T.O. NOEL V. ARRIGO LL.D. - PRESIDENT**
**ONOR. JOSEPH A. FILLETTI B.A. LL.D., A.R.HIST.S.**
**ONOR. FRANCO DEPASQUALE K.C. BA. LL.D.**

**Seduta ta' nhar it-Tnejn, 15 ta` Lulju, 2002**

**Numru:**

**Citaz. Numru: 133/02**

**Rikors ta` l-Agent Direttur tad-Dipartiment Ghall-Harsien tal-Familja**

Dan ir-rikors li gie pprezentat fit-23 ta` Mejju 2002 huwa korretement maghmul a tenur ta` l-Artiklu 18 tal-Kap 410 tal-Ligijiet ta` Malta liema Att Dwar is-Sekwestru u l-Kustodja Ta` Minuri, gie promolgat bil-ghan, fost affarijiet ohra, *"Biex jaghti s-setgha lil Malta tirratifika zewg Konvenzjonijiet internazzjonali li ghandhom x`jaqsmu rispettivament …… u mar-rikonoxximent u l-infurzar ta` decizjonijiet dwar kustodja".*

Effettivament l-Artiklu 18 (1) ta` l-Att jipprovdi "Persuna li lilha jinghataw xi drittijiet b`decizjoni li ghandha x`taqsam mal-kustodja maghmula minn awtorita` fi Stat Kontraenti minbarra Malta tista` taghmel rikors ghar-registrazzjoni tad-decizjoni fir-registru tal-Qorti ta` l-Appell".

Ir-rikorrenti invece qeghda tagixxi a tenur tas-sub Artiklu (2) ta` dan l-Artiklu. L-intimat debitament notifikat b`avviz tas-smiegh ghas-seduta

tal-25 ta` Gunju 2002 quddiem din il-Qorti la ghamel risposta u anqas ma deher minkejja illi ssejjah diversi drabi. Fic-cirkostanzi r-rikors gie mholli ghal-lum ghas-sentenza u peress illi din il-Qorti ma tara ebda raguni il-ghala hija ghandha tirrifjuta li tirregistra d-decizjoni tal-Qorti tar-Renju Unit ghal xi wahda mir-ragunijiet moghtija fis-sub Artiklu (4) ta` l-istess Artiklu 18 hija sejra tghaddi biex tippronunzja din is-sentenza.

Di piu` din il-Qorti hija sodisfatta bil-provi mressqa fir-rigward tad-decizjoni tal-Qorti barranija bid-dokumenti ezebiti ma dan ir-rikors partikolarment bil-kopja awtentika tas-sentenza tal-25 ta` April 2000 tal-Oldham County Court (Dok F4 a fol 8 tal-process) u dan a tenur ta` l-Artiklu 24 ta` l-Att fuq imsemmi.

Ghal dawn ir-ragunjiet l-ordni ta` din il-Qorti qed tigi kkonfermata billi l-minuri in kwistjoni qed tigi fdata fil-kura u kustodja ta` l-omm u ghandha tghix fir-residenza taghha b`access ghall-missier, intimat f`dawn il-proceduri, bil-modalitajiet kif specifikat f`din l-Ordni.

L-ispejjez ta` dawn il-proceduri fin-nuqqas ta` dehra ta` l-intimat u fil-meritu ghandhom jithallsu kollha minnu.

Dep/Reg gs